# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-21 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 1213/2012 SM**

**Miller Distributors Limited**
**(C 344)**

**vs.**

**Darryl Grima detentur tal-karta ta'**
**l-identita` bin numru 417668 (M)**
**f'ismu proprju u kif ukoll fil-kwalita`**
**tieghu ta' direttur tal-kumpanija**
***One Blue Lemon Company Ltd.***
**gia` Wirtna *Shops Ltd***
**b'numru ta' registrazzjoni**
**(C 36531)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Dicembru, 2012, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi hi tbiegh gazzetti, rivisti u merkanzija ohra;

1.2. Illi kellha relazzjoni kummercjali ma' l-intimati, jew min minnhom ghal diversi snin;

1.3. Illi fil-perjodu bejn Gunju 2011 u Awwissu 2012 bieghet u kkonsenjatilhom merkanzija fuq inkarigu taghhom stess, (ara foll 6);

1.4. Illi tirrileva li l-isem *"New Wirtna Shops Limited"* li jidher fir-rezokont tal-fatturi indikat fil-paragrafu precedenti, l-isem hemm indikat hu biss isem ta' *"account"* li jintuza internament biex jiddistingwu klijent minn iehor jew *account* ma iehor, ta' l-istess klijent;

1.5. Illi in effetti m'hemm ebda konnessjoni ma xi socjeta` bl-isem *"New Wirtna Shops Limited"*, u fil-fatt ma tezisti l-ebda socjeta` registrata b'dan l-isem;

1.6. Illi hi kreditrici ta' l-intimati jew min minnhom fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, mitejn u sitta u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€49,266.51), bilanc minn somma akbar fuq merkanzija lilhom mibjugha u kkonsenjata fuq inkarigu taghhom stess;

1.7. Illi ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.8. Illi in kawtela tad-drittijiet taghha s-socjeta` rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru, (ara foll 2);

1.9. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti *a tenur* l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li l-kawza titmexxa bid-dispensa tas-smiegh *stante* li d-dejn *de quo* hu cert, likwidu u dovut, u li fil-fehma tar-rikorrenti m'hemm l-

ebda eccezzjoni x'tigi imressqa kontra s-socjeta` rikorrenti;

1.10. Illi ghaldaqstant adixxiet din il-qorti biex din:

1.10.1. Tipprocedi bid-dispensa tas-smiegh *a tenur* ta' l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.10.2. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, mitejn u sitta u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€49,266.51);

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex ihallsu s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti;

1.10.4. Bl-ispejjez kif dedotti u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv;

2. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali ta' l-intimati, awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw ir-risposta taghhom ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fit-terminu hemm indikat;

3.0. Rat ir-risposta datata l-1 ta' Frar, 2013, li permezz taghha, l-intimati sintetikament irrispondew is-segwenti:

3.1. Illi preliminarjament kwantu fil-konfront tas-socjeta` *One Blue Lemon Company Limited*, l-ammont reklamat hu dovut;

3.2. Illi pero`, l-istess ammont involut hu dovut mid-data ta' meta giet intavolata l-kawza l-istess socjeta`, li marret in likwidazzjoni b'decizjoni *curiali* f'kawza fl-ismijiet Darryl Grima *et nomine* vs. X, rikors numru 1053/2012, (ara foll 55);

3.3. Illi kwantu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti gew indirizzati kontra Darryl Grima personalment, it-talbiet tas-

socjeta` rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.4. Illi din il-posizzjoni qed tittiehed *stante* li n-negozju kollu li sar mis-socjeta` rikorrenti dejjem sar mas-socjeta` intimata sa meta din intavolat il-proceduri ghall-likwidazzjoni volontarja u mhux ma l-intimat personalment kif jidher mill-ircevuti tal-VAT;

3.5. Illi *di piu`*, it-talbiet indirizzati fil-konfront tas-socjeta` *One Blue Lemon Limited* in likwidazzjoni, huma vessatorji, intizi biss bhala pressjoni illecita fuq l-intimat *proprio* biex ihallas dak mhux minnhu dovut;

3.6. Illi s-socjeta` rikorrenti ma talbitx il-*lifting of the corporate veil*;

3.7. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif indirizzati fil-konfront ta' l-intimat *proprio* ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez;

3.8. Salvi risposti ulterjuri;

4. Rat in-nota datata l-5 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha l-istralcjarju hemm indikat ammeta t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 71);

5. Rat in-nota datata l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha is-socjeta` rikorrenti cediet il-kawza fil-konfront biss ta' l-intimat Darryl Grima, filwaqt li zammet ferm il-pretensjonijiet kollha taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata *One Blue Lemon Company* Limited, (ara foll 108);

6. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentant legali ta' l-intimati datat l-4 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu jirreferi ghan-nota ta' l-istralcjarju involut fuq indikat, datata l-5 ta' Gunju, 2013, (ara paragrafu numru erbgha (4) aktar qabel u foll 71);

7. Rat ukoll il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet li ggib l-istess data tal-verbal indikat fil-paragrafu precedenti li permezz tieghu, in vista tal-premess, iddikjaraw li l-procedura odjerna tista` ghalhekk tithalla ghas-sentenza;

8. Rat ix-xhieda kollha prodotta;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tas-suespost il-procedura odjerna hi issa matura ghas-sentenza;

11.0. Illi taghmel ghalhekk referenza ghall:

11.1. Nota ta' l-istralcjarju involut datata l-5 ta' Gunju, 2013, li permezz taghha ammetta, fil-kwalita` indikata ghan-nom tas-socjeta` intimata *One Blue Lemon Limited*, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

11.2. Nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz taghha cediet il-kawza biss fil-konfront ta' l-intimat Darryl Grima u zammitha ferma fil-konfront tas-socjeta` intimata *One Blue Lemon Company Ltd.*, fuq riferita;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata *stante* li l-ammissjoni fuq indikata ta' l-istralcjarju taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

12.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata *One Blue Lemon Company Limited* hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti *Miller Distributors Limited* fl-amont ta' disgha u erbghin elf, mitejn u sitta u sittin Ewro u wiehed u hamsin centezmu, (€49,266.51);

12.2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata indikata fil-paragrafu precedenti biex thallas is-somma hekk

hemm ukoll likwidata lis-socjeta` *Miller Distributors Limited*;

12.3. Tillibera lill-intimat Darryl Grima mill-osservanza tal-gudizzju;

12.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-bejgh sad-data ta' l-effettiv pagament.

__________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**